MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1352/2002

**Citaz Nru: 1352/02 JA**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Katherine Mifsud kif ukoll Raymond Mifsud, Roseanne Buhagiar u Michelle Barbara bhala eredi tal-mejjet George Mifsud, ilkoll bhala debituri principali u l-istess Roseanne Buhagiar bhala garanti solidali tal-imsemmija debituri principali.**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba kontenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti

biex tigi kjamata in kawza is-socjeta’ H S B C Life Assurance
(Malta) Limited li maghha il-mejjet George Mifsud kien assikurat tramite s-socjeta attrici in konnessjoni ma kull self li kien se jiehu minghand l-istess socjeta attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2003 li fih id-difensur tal-konvenuti talab direzzjoni f’ dan is-sens u talab ukoll li din il-kawza tigi konnessa ma’ l-kawza fl-ismijiet Katherine Mifsud et vs HSBC Life Assurance (Malta) Limited b’ din l-ahhar ghazla ghall konvenuti tkun preferibbli.

Rat l-opposizzjoni tas-socjeta attrici fl-istess verbal u rat ukoll illi permezz tal-istess verbal il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar dawn it-talbiet ghas-seduta ta’ llum.

Ikkunsidrat;

Rigward it-talba ghall kjamata tas-socjeta assikuratrici l-ghan principali ta’ tali esercizzju ghandhu jkun l-evitar ta’ multiplicita’ kawzi. Per esempju fil-kawza deciza fil-***Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Jannar 1938*** fl-ismijiet ***“Captur vs Felice”*** gie ritenut illi:

“Il-kjamata in kawza tista ssir jekk ikollha bhala bazi l-heffa u s-semplicita’ tal-gudizzju u biex tigi imnaqqsa l-molteplcita’ tal-kawzi.”

Issa f’ din il-vertenza il-kwistjoni bejn il-konvenuti u s-socjeta HSBC Life Assurance diga l-istess konvenuti intavolaw kawza li hija pendenti quddiem din il-Qorti u li d-dettalji taghha gew indikati minnhom stess fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom. Kwindi il-kjamata in kawza mitluba b’ ebda mod ma hija se tnaqqas il-bzonn ta’ xi kawza ghaliex din il-kawza diga inbdiet. Oltre dan l-istess sentenza imsemmija osservat illi;

“Il-kjamata in kwaza ma tistax issir ghall dik il-parti li ma ghandha x’ taqsam xejn u mhijiex principalment obligata.”

Fil-waqt li ma jistax jinghad li s-socjeta assikuratrici ma ghandha x’ taqsam xejn mal-vertenza bhala tali, mill-punto di vista legali l-obligazzjonijiet kontrattwali taghha fil-konfront tal-konvenuti ma ghandhom x’ jaqsmu xejn ma’ dawk ta’ l-istess konvenuti fil-konfront tal-atturi f’ din il-kawza u certament ma hijex principalment obligata. L-assikurazzjoni mitluba mill-banek meta jisilfu l-flus hija garanzija biex kemm jista jkun l-istess bank ikun cert li jithallas lura fl-eventwalita sfortunata li min jissellef imut qabel ma jkun hallas lura s-self, kif gara f’ dan il-kaz.

Kwantu ghall konnessjoni tal-kawza, il-Qorti ghandha diskrezzjoni konsiderevoli mandankollu tali ordni tkun konsiljabbli meta l-ezitu ta’ kawza jista jiddependi minn dik tal-ohra u meta l-provi migbura jistghu ikunu l-istess. L-iskop naturalment ikun biex tigi evitata l-possibilita’ ta’ zewg sentenzi ma jaqblux bejn l-istess partijiet fuq l-istess vertenza u anke biex jigi evitat hela ta’ hin fil-gbir tal-provi. F’ dan il-kaz dan ma jirrizultax ghar-ragunijiet li jidhru iktar il-fuq.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed tichad iz-zewg talbiet tal-konvenuti fuq imsemmija.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------